

Brussell, 22 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7200/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0213 (APP)

RECH 107
FIN 231
COMPET 160
ENER 100

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11947/17 RECH 295 FIN 523 COMPET 587 ENER 348 - COM(2017) 452 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/76/KE li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar - Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Awwissu, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/76/KE li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar¹.

¹ Dok. 11947/17.

2. Id-Deċiżjoni proposta hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni u għandha l-għan li tipprovdi soluzzjoni tranżitorja għat-tnaqqis eċċezzjonali fid-dħul li jirriżulta mill-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni ddedikata għall-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka għall-faħam u l-azzar. It-tnaqqis, minħabba s-sitwazzjoni ta' rati baxxi tal-imgħax fis-swieq kapitali f'dawn l-aħħar snin, wassal għar-reviżjoni proposta tar-regoli dwar il-kanċellazzjoni tal-impenji magħmula skont il-programm ta' riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (FRFA) u fuq ammonti rkuprati, sabiex jiġi awtorizzat ir-riċiklaġġ tagħhom fil-programm ta' riċerka. Barra minn hekk, dawn id-diżimpenji u l-ammonti rkuprati mill-FRFA ma jistgħux jiġu allokati għal partiti tal-baġit oħrajn għajr ir-riċerka fis-setturi marbuta mal-industrija tal-faħam u l-azzar, skont il-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka eżamina l-proposta fit-2 ta' Ottubru, it-23 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru 2017 u qabel dwar għadd ta' emendi prinċipalment biex it-test ikun aktar ċar mil-lat legali.
4. Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fit-13 ta' Marzu 2018.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/76/KE li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 14532/17;

- jitolob li d-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-informazzjoni.
-